# IL-FAMILJA
## *Tlugħ u Nżul*

### LAQGĦAT GĦALL-ĠENITURI
### li qed irabbu tfal u adolexxenti

**Laqgħa** 28 ta' Jannar 2023

**ULIEDI UNIĊI, MHUMIEX FOTOKOPJI**

• Ngħinu lil uliedna jilħqu l-potenzjal tagħhom
• Kelliem: **Dun Raymond Portelli**

**Laqgħa** 25 ta' Frar 2023

**IL-FSIED IĦASSAR L-ULIED**

• Baqa' lok għad-dixxiplina fl-2023?

**Laqgħa** 29 ta' April 2023

**L-ULIED FIL-KUNTEST TAL-KOMUNITÀ**

• Inkunu assertivi fit-trobbija ta' wliedna

**Laqgħa** 27 ta' Mejju 2023

**IL-FAMILJA PERFETTA, TEŻISTI?**

• Kif inkunu sodisfatti minkejja l-limitazzjonijiet

Il-laqgħat huma miżmuma fid-Dar San Pietru u San Pawl, fi Triq Diċembru 13 (ħdejn il-każin tal-Banda).
**Ikun hemm min jieħu ħsieb it-tfal.**

**RELIKWA TAL-BEATU CARLO ACUTIS:** Minn nhar il-Ħadd 8 ta' Jannar sal-Ħadd 15 ta' Jannar se jkollna relikwa tal-Beatu Carlo Acutis fil-Bażilika tagħna. Dan il-qaddis ta' żmienna, miet meta kien għadu adolexxenti. Fih kienet tispikka l-imħabba kbira li kellu għal-Ewkaristija u l-karità tiegħu.

**IL-KNISJA TAL-QALB TA' ĠESÙ:** Mill-1 ta' Jannar 2023 beda roster li fih daħlu iktar minn saċerdot wieħed biex jiċċelebraw il-quddiesa f'din il-knisja. Il-quddies ta' matul il-ġimgħa jkun fil-11:00am, filwaqt li l-quddiesa tal-Ħadd tibda fis-7:00am. Dawk li jixtiequ joffru l-intenzjoni tal-quddiesa jkellmu lis-saċerdot li jkun se jqaddes. Wieħed ikollu l-possibilità li jagħmel l-adorazzjoni fil-knisja tal-Qalb ta' Ġesù, bis-sagrament magħluq sal-4:00pm.

**GĦOTI TAD-DEMM FIL-BERĠA TAX-XEWKIJA:** nhar it-Tlieta 10 ta' Jannar mis-1:00pm sal-5:00pm u nhar il-Ħadd 15 ta' Jannar mit-8:00am sas-1:00pm. Kull min jersaq biex jagħti d-demm irid jippreżenta l-karta tal-identità, il-liċenzja tas-sewqan jew il-passaport. Bħas-soltu, il-maskra hi meħtieġa.

**L-GĦAQDA DUN FRANĠISK GRIMA:** tavża li nhar il-Ħamis 12 ta' Jannar se tagħmel vista lill-Madonna ta' Pinu. Wara nżuru Wied il-Mielaħ. Niltaqgħu ħdejn iċ-Ċentru fid-9:30am. Ninkitbu għand Tonina fuq 21553041 jew 79923153.

**RAMM U ALUMINJU:** Nirringrazzjaw lil dawk kollha li fl-aħħar ġimgħat u xhur ġabu vitien, wajers, kanni tar-ramm u bottijiet tal-aluminju, biex jinbiegħu għall-knisja. Nhar it-Tlieta li għadda begħna b'€1090 minn dawn il-metalli. Nirringrazzjaw lil Leli Grima li offra li jittrasporta l-materjal lejn Malta.

**L-GĦAQDA TAL-KATENJANI:** Il-Catenians huma Assoċjazzjoni Kattolika f'Għawdex bil-parti l-kbira ta' membri Għawdxin u Maltin. Imwaqqfa fir-Renju Unit fl-1908, infirxet mad-dinja kollha u llum għandha 7,000 membru. F'Għawdex twaqqfet fl-1994, biex tgħin lill-parroċċi. F'Għawdex tgħodd 30 membru. Interessat li ssir taf aktar?
Kuntatt lis-Segretarju David (Salvu) Felice Pace
Tel: 21560051 - Mob: 79560051 - E-Mail: sfelicep@gmail.com

**Ħin tal-Quddies**

**Ħdud u Festi:** 5:30am; 6:30am; 8:30am; 9:45am; 11:00am; 5:00pm; 7.00pm
**Mit-Tnejn sas-Sibt:** 5:30am; 6:15am; 7:00am; 7:45am; 9:00am; 5:00pm; 6:30pm
**KNISJA TAL-QALB TA' ĠESÙ: matul il-ġimgħa:** 11.00am **il-Ħadd:** 7.00am
**KAPPELLA TAS-SORIJIET: matul il-ġimgħa:** 6.30am **il-Ħadd:** 6.15am; 10:15am (bl-Ingliż)
**KAPPELLA SANTA TEREŻA TA' KALKUTTA: il-Ħadd:** 7.30am